**18 ta' Marzu, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Onor. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Emanuel Dimech *et*

*versus*

Godwin Abela *noe*

**Tribunal Industrijali – Kompetenza tat-Tribunal Industrijali – *Malta Arbitration Tribunal* – Dritt Transitorju – *Award* – Ġurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji**

*L-Atturi talbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu danni skond Arbitration Agreement.*

*Il-funzjonijiet li kienu jispettaw lil Malta Arbitration Tribunal għaddew fit-Tribunal Industrijali kostwit fl-art. 26 ta' l-Att XXX ta' l-1976. It-Tribunal Industrijali huwa kontinwazzjoni tal-MAT u ġie maħluq biex ikompli dak li kien qiegħed jagħmel il-Malta Arbitration Tribunal li kien ħa l-awards mertu ta' din il-kawża.*

*Kwantu għalhekk għall-ġurisdizzjoni għalkemm "prima facie" wieħed jista' jieħu impressjoni li t-talba attriċi fiċ-ċitazzjoni hija bbażata fuq l-award imsemmi, jidher ċar ukoll illi dak li qed jitolbu l-atturi nomine appellati huwa bbażat fuq l-obbligazzjoni li s-soċjetà konvenuta appellata li ssuċċediet għal ta' qabilha assumiet fil-konfront tagħhom. Il-Qorti ta' l-Appell konsegwentement irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u ddikjarat il-kawża fil-ġurisdizzjoni*

*tal-Qrati Ordinarji.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi huma lkoll membri tal-*Port Delivery Clerks Group* tal-*General Workers Union;* illi b'*"award"* li kien ingħata mill-*Malta Arbitration Tribunal* fis-26 ta' Mejju, 1970 (Dok. A maċ-ċitazzjoni) kien ġie deċiż li barra l-paga, il-*"port delivery clerks"* kellhom jirċievu *"incentive bonus"* mingħand l-awturi tas-soċjetà konvenuta kkalkolat fuq it-tunnellaġġ in eċċess ta' l-ammont maħdum, liema bonus kellu japplika għall-merkanzija maħtuta mill-vapuri li bdew jiskarikaw fil-port fil-15 ta' Mejju, 1970; illi b'*award* ieħor tal-15 ta' Settembru, 1970 (Dok. B maċ-ċitazzjoni) ta' l-istess tribunal, kien ġie deċiż li l-atturi għandhom jitħallsu fuq it-tunnellaġġ maħdum kollettivament minnhom f'kull perijodu ta' xahrejn kalendarji 'l fuq minn 80,000 tunnellata; illi sa Jannar 1984 l-atturi baqgħu jirċievu l-imsemmi *"incentive bonus"* regolarment mingħand is-soċjetà konvenuta; illi fl-14 ta' Marzu, 1984, is-soċjetà konvenuta kienet infurmat lill-atturi permezz ta' ittra (Dok. C maċ-ċitazzjoni) li l-imsemmi *"incentive bonus"* kellu jitwaqqaf temporanjament, allegatament minħabba xi diffikultajiet finanzjarji, liema raġuni ma ġiet qatt aċċettata mill-atturi; illi dan l-aġir unilaterali tas-soċjetà konvenuta huwa arbitrarju, u għalhekk illegali fil-konfront ta' l-atturi, peress li jmur kontra l-*"awards"* fuq imsemmija, u kontra l-obbligi li kienet assumiet fil-konfront ta' l-istess; illi l-*"incentive bonus"* fuq imsemmi dovut lill-atturi kalkolat bil-1c7m (ċenteżmu u seba' milleżmi) għal kull tunnellata fuq l-eċċess, skond l-imsemmija *"award"* minn Frar 1984 sa Awissu 1987 jammonta għal Lm15545.56c (ħmistax-il elf ħames mija u ħamsa u erbgħin lira

u sitta u ħamsin ċenteżmu); u peress li l-atturi interpellaw lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallashom l-imsemmija somma, iżda din baqgħet inadempjenti; talbu, għal dawn ir-raġunijiet, li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jħallsu lill-istess atturi s-somma hawn fuq imsemmija ta' Lm15545.56c oltre l-imgħax legali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Lulju, 1987, kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine*, li biha qalu, in linea preliminari – u salvi eċċezzjonijiet oħra fil-meritu:

(1) illi din il-Qorti mhix kompetenti "*ratione materiae*" li tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi, stante li skond il-liġi kull interpretazzjoni u deċiżjoni rigwardanti l-"*award*" mertu ta' din il-vertenza, jispettaw it-Tribunal Industrijali; u,

(2) illi, bla preġudizzju għall-premess, it-talba attriċi tinsab preskritta għall-finijiet ta' l-artikolu 2147(ċ) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta (Kap. 16), kwantu tirreferi għall-perijodu preċedenti għas-6 ta' Lulju, 1986;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fit-8 ta' Ġunju 1988 li biha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti *nomine* u billi konsegwentement tiddikjara ruħha nkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża, u lliberat lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju. Stante n-natura ġdida tal-każ u fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż, però, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej:

Illi l-kwistjoni involuta f'din il-kawża oriġinat minn, u

tirrigwarda l-interpretazzjoni sija pure l-esekuzzjoni ta' *"awards"* tal-*Malta Arbitration Tribunal*, mogħtijin fil-"Kwistjoni tax-Xogħol bejn il-*Malta Landing and Shipping Company Limited* (li tagħha s-soċjetà konvenuta hija l-aventi kawża) u t-Taqsima Port u Industrija tal-*General Workers Union*;

*Omissis;*

Illi ma jidhirx li hemm kuntrast bejn il-kontendenti oderjni li s-soċjetà konvenuta, meta ħadet ix-xogħol tal-Kumpanija hawn fuq imsemmija, bdiet tħallas l-'*incentive bonus*' in kwistjoni lid-'*delivery clerks*'. Però fl-14 ta' Marzu, 1984; il-*Managing Director* tas-soċjetà konvenuta kiteb lis-Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport tal-*General Workers Union*, u wara li qallu li s-soċjetà konvenuta kienet għaddejja minn perijodu ta' telf ta' flus minħabba r-riċessjoni u li kellhom għalhekk jittieħdu ċertu miżuri kawtelatorji, għarrfu li b'effett mix-xahar ta' Frar 1984 dan l-'*incentive bonus*' ġie mwaqqaf. Spiċċa l-ittra billi qallu "nisperaw illi dawn il-miżuri huma temporanji u kollox jerġa' jiġi għan-normal kif ngħaddu minn dan iż-żmien li għaddejjin minnu". Sallum il-posizzjoni baqgħet inalterata. Għalhekk id-'*delivery clerks*' konċernati għamlu l-kawża odjerna fejn qed jitolbu lis-soċjetà konvenuta tħallashom l-'*incentive bonus*' in kwistjoni għall-perijodu minn mindu twaqqfilhom il-ħlas tiegħu fi Frar tas-sena 1984 sa Awissu 1987 – iċ-ċitazzjoni ġiet intavolta fit-18 ta' Settembru, 1987. L-atturi jikkontendu li d-deċiżjoni s-sospensjoni tal-ħlas ta' l-imsemmi bonus kien twaqqaf arbitrarjament u b'inizjattiva unilaterali tas-soċjetà konvenuta, u dik id-deċiżjoni qatt ma ġiet aċċettata minnhom;

Illi l-"*Malta Arbitration Tribunal*" kien twaqqaf bis-saħħa

ta' l-artikolu 10 tal-"*Conciliation and Arbitration Act*, 1948"; u dan "*for the purpose of settling trade disputes which cannot be otherwise determined*". Skond l-artikolu 12 kull kwistjoni rigwardanti l-interpretazzjoni ta' l-"*awards*" ta' dak it-Tribunal kellha tiġi rriferita lill-istess Tribunal, li kellu wkoll il-vesti li jordna l-esekuzzjoni ta' l-"*awards*" jew id-deċiżjonijiet tiegħu;

Illi l-Att hawn fuq imsemmi ġie abolit bl-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (art. 36). Hu ovvju għalhekk li l-*Malta Arbitration Tribunal* illum ma għadux jeżisti u kwindi lanqas jiffunzjona. Iżda, dan it-tħassir irid jiġi kkunsidrat fl-isfond ta' l-*Industrial Relations Act* u ta' l-*Interpretation Act*, 1975. L-artikolu 12 ta' l-Att imsemmi l-aħħar jipprovdi li meta xi Att iħassar xi liġi oħra, "*unless the contrary intention appears, the repeal shall not...(b) affect the previous operation of any enactment so repealed or anything duly done...under any law so repealed; (ċ) affect any right, privilege or liability acquired or accrued...under any law so repealed; ...(e) affect any investigation, legal proceeding, or remedy in respect of any such right, privilege, obligation, liability, ... as aforesaid;* u, l-istess artikolu jkompli hekk: "*Any such investigation, legal proceeding, or remedy may be instituted, continued, or enforced, ... as if the repealing Act had not been passed*". Issa, huwa mhux biss loġiku u naturali li l-fuzjonijiet li kienu jispettaw lill-*Malta Arbitration Tribunal* għaddew fl-*Industrial Tribunal* li ġie kkostitwit bl-artikolu 26 ta' l-*Industrial Relations Act*, 1976, hawn fuq imsemmi; iżda dan jidher li kienet ukoll l-intenzjoni tal-leġislatur, li toħroġ ċara mis-subartikolu (10) ta' l-istess artikolu 26. Infatti, dan is-subartikolu jipprovdi li ċ-*chairman* u s-segretarju tal-*Malta Arbitration Tribunal*, u kull "*panel*" ta' persuni nnominati biex iservu bħala membri ta' dak it-

*Tribunal*, u kienu għadhom f'dik il-kariga meta ġie mħassar il-*Conciliation and Arbitration Act* 1948, kellhom jitqiesu mmedjatament bħala nnominati *"to serve as Chairman or Secretary, or as members of the Industrial Tribunal ... and any proceedings pending, immediately before the repeal aforesaid, before the Malta Arbitration Tribunal shall, immediately after such repeal, be continued by the Industrial Tribunal* as *if* they *had commenced and had always taken place before it..."* L-istess jista' jiġi desunt minn dak li jgħid l-art. 22(5) ta' l-Att ta' l-1976 hawn fuq imsemmi. Anki dan it-Tribunal għandu l-funzjoni li jinterpreta d-deċiżjonijiet tiegħu u għandu wkoll il-vesti li jinforza l-esekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu;

Illi mill-premess allura jitnissel ukoll li l-interpretazzjoni (art. 35) u l-esekuzzjoni (art. 34(3) ) tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-*Malta Arbitration Tribunal* jispettaw illum esklusivament lit-Tribunal Industrijali, li huwa biex wieħed igħid hekk il-kontinwità ta' dak it-Tribunal;

Illi fil-fehma tal-Qorti t-talba attriċi kif ifformulata tammonta virtwalment għall-esekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġa mogħtija mill-*Malta Arbitration Tribunal* hawn fuq imsemmija; u kwindi din il-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' l-istess talba. In vista ta' dan, il-Qorti m'għandhiex għalfejn, u lanqas tista', teżamina l-eċċezzjoni preliminari l-oħra sollevata mill-konvenuti *nomine;*

*Omissis;*

Illi l-aggravji ta' l-appellanti jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti naqset li tidħol b'mod approfondit fil-kwistjoni u allura

waslet għal deċiżjoni li, bir-rispett kollu, huma jidhrilhom li hi ħażina. L-ilmenti ta' l-appellant jirrigwardaw żewġ konklużjonijiet ta' l-ewwel Qorti li huma s-segwenti:

(a) li l-kwistjoni odjerna tirrigwarda l-interpretazzjoni u esekuzzjoni ta' *"award"* tal-*Malta Arbitration Tribunal*, u

(b) li t-talba kif ifformulata tammonta virtwalment għall-esekuzzjoni ta' deċiżjoni tat-tribunal;

Rigward l-ewwel waħda l-appellanti jissottomettu li dan mhux il-każ billi l-kawża tagħhom ġiet intavolata minnhom in *forza ta'* l-*obligazzjoni li* s-soċjetà konvenuta kienet assumiet fil-konfront tagħhom u mhux in forza ta' l-*"Award"* tal-*Malta Arbitration Tribunal.* Huma jsostnu li huma ma setgħux jaġixxu in forza ta' l-award billi l-award kien ingħata kontra soċjetà oħra u mhux kontra s-soċjetà konvenuta;

Rigward it-tieni konklużjoni ta' l-ewwel Qorti, l-appellanti jissottomettu *li minn eżami taċ-ċitazzjoni* wieħed mill-ewwel jinduna li huma f'ebda ħin ma talbu l-esekuzzjoni ta' xi *award* tat-Tribunal. It-talba fiċ-ċitazzjoni hija biex il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu somma rappreżentanti *"incentive bonus"* dovut lilhom minn Frar 1984 sa Awissu 1987 oltre l-imgħax. Mhux talli huma ma kinux talbu esekuzzjoni ta' *award* iżda tali talba ma setgħetx issir a bażi ta' hekk, għar-raġuni li l-*award* in kwistjoni ma kinitx ingħatat kontra l-konvenuti appellati iżda kontra soċjetà oħra;

*Omissis;*

Issa għad li l-atturi baqgħu l-istess is-soċjetà kontra min huma kienu rebħu ż-żewġ *awards* in kwistjoni ma kinitx baqgħet l-istess. In fatti l-każ quddiem il-*"Malta Arbitration Tribunal* kien bejnhom u s-soċjetà" *Malta Landing and Shipping Company Limited* u mhux *"The Cargo Handling Co. Ltd."*. Barra minn hekk it-Tribunal fuq imsemmi ġie abolit bl-Att XXX 1976 u minn floku bl-art. 26 ta' l-istess Att ġie kkostitwit Tribunal ieħor li kellu jkun magħruf bħala t-"Tribunal Industrijali". Il-konvenuti *nomine* qegħdin jopponu t-talba attriċi fl-ewwel lok billi in linea preliminari qegħdin jeċċepixxu l-inkompetenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ *"ratione materiae"* li tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi billi skond il-liġi kull interpretazzjoni u deċiżjoni rigwardanti l-*"awards"* mertu ta' din il-kawża jispettaw lit-Tribunal Industrijali. L-ewwel Qorti ġiet mitluba biex fl-ewwel lok tikkunsidra u tiddeċidi dwar din l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Illi l-*"Malta Arbitration Tribunal"* li kien ġie mwaqqaf bis-saħħa ta' l-artikolu 10 tal-*"Conciliation and Arbitration Act 1948"* u dan *"for the purpose of settling trade disputes which cannot be otherwise determined"*, illum m'għadux jeżisti u kwindi lanqas jiffunzjona. Dan l-Att ġie abolit bl-artikolu 36 ta' l-Att XXX ta' l-1976. Skond dan l-artikolu bla ħsara ad disposizzjonijiet ta' l-istess Att u ta' l-Att dwar l-interpretazzjoni, l-Ordinanza ta' l-1945 dwar it-*Trade Unions* u l-kwistjonijiet tax-xogħol u l-Att 1948 dwar il-konċiljazzjoni u l-arbitraġġ huma mħassra;

Issa kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata dan it-tħassir irid jiġi kkunsidrat fl-isfond ta' l-*Industrial Relations Act* 1976 kif ukoll ta' l-*Interpretation Act* 1975. Skond l-artikolu 12 ta' l-aħħar imsemmi Att, meta xi Att iħassar xi liġi oħra, "*unless the contrary intention appears, the repeal shall not*

*(b) affect the previous operation of any enactment so repealed or anything duly done or suffered under any law so repealed;*

*(c) affect any right, privilege or liability acquired or accrued or incurred under any law so repealed;*

*(e) affect any investigation, legal proceeding, or remedy in respect of any such right, privilege, obligation, liability, ... as aforesaid*";

L-istess artikolu jkompli jagħid li "*Any such investigation, legal proceeding, or remedy may be instituted continued, or enforced, ... as if the repealing Act had not been passed*".

Jirriżulta mill-istess Att Nru. XXX ta' l-1976 li l-istess Att ġie ppromulgat biex jikkonsolida bl-emendi l-Ordinanza ta' l-1945 dwar it-*Trade Unions* u kwistjonijiet tax-Xogħol u l-Att ta' l-1948 dwar il-Konċiljazzjoni u Arbitraġġ u biex jagħmel disposizzjonijiet ġodda li jirregolaw ir-relazzjonijiet industrijali u biex jipprovdi għall-ħwejjeġ konnessi ma' hekk jew anċillari għal hekk. Minn dan jidher li l-Att ta' l-1976 huwa konsolidazzjoni f'test wieħed ta' diversi liġijiet li kienu jirrigwardaw il-materja. Barra minn hekk jeżistu diversi disposizzjonijiet fl-Att ta' l-1976 li juru li mhux biss il-

kostituzzjoni tat-Tribunal preċedenti, iżda anki s-setgħat li kellu u r-Regolamenti proċedurali li jirrigwardawh baqgħu jseħħu anki meta nħoloq it-Tribunal Industrijali li hemm illum;

Għalhekk huwa mhux biss loġiku u naturali li l-funzjonijiet li kienu jispettaw lil *Malta Arbitration Tribunal* għaddew fit-Tribunal Industrijali kkostitwit bl-artikolu 26 ta' l-Att XXX 1976 iżda li din tidher li kienet l-intenzjoni tal-leġislatur. It-Tribunal Industrijali huwa kontinwazzjoni tal-fuq imsemmi *Malta Arbitration Tribunal* u ġie maħluq biex ikompli dak li kien qiegħed jagħmel it-Tribunal ta' l-Arbitraġġ li kien ħa l-*awards* mertu ta' din il-kawża. Dan jidher ċar anki mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 22(5), 26(10) u 31(7);

Skond l-art. 26(10) kull persuna li kienet maħtura bħala *Chairman,* Segretarju tat-Tribunal ta' l-Arbitraġġ u kull lista ta' persuni maħtura biex jagħmluha ta' membri ta' l-istess Tribunal skond l-art. 10 ta' l-Att ta' l-1948 kellhom jitqiesu maħtura *Chairman,* Segretarju u membru tat-Tribunal il-ġdid u ċjoè t-Tribunal Industrijali. Barra minn hekk kull proċediment pendenti quddiem it-Tribunal ta' l-Arbitraġġ kellu jitkompla mit-Tribunal Industrijali, daqs li kieku kienu nbdew u dejjem saru quddiemu. L-istess jista' jiġi deżunt minn dak li jgħid l-artikolu 22(5) ta' l-Att ta' l-1976 u ċjoè li anki dan it-tribunal għandu l-funzjoni li jinterpreta d-deċiżjonijiet tiegħu u għandu l-vesti li jinforza l-esekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu. Dak li hemm dispost fl-artikolu 31(7) ta' l-istess Att ikompli jsaħħuh din il-fehma. In fatti skond dan kull regoli magħmula skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att ta' l-1948 dwar il-Konċiljazzjoni u l-Arbitraġġ li huwa mħassar b'dan l-Att u li kienu fis-seħħ minnufih qabel dak it-tħassir għandhom minkejja

dan it-tħassir jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu rrevokati jew sostitwiti b'regoli magħmula taħt is-sub-artikolu 6 ta' l-istess artikolu 31 u għandhom jitqiesu li jkunu saru taħt dak is-subartikolu;

Minn dan joħroġ ukoll li l-interpretazzjoni (art. 35) u l-esekuzzjoni (art. 34(3) ) tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-*Malta Arbitration Tribunal* illum jispettaw esklużivament lit-Tribunal Industrijali li kif intqal aktar 'il fuq huwa kontinwazzjoni ta' l-ewwel Tribunal;

Dan jinnewtralizza it-teżi msemmija ta' l-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi però jonqos li jiġu kkunsidrati punti oħra ta' massima importanza għas-soluzzjoni ta' dan l-appell u ċjoè l-identifikazzjoni proprja tal-kawżali taċ-ċitazzjoni kif ukoll il-kwistjoni jekk hawn għandniex kwistjoni ta' talba għall-esekuzzjoni ta' l-*Award* imsemmi jew inkella talba relatata ma' obbligazzjoni *sic et simpliciter* li l-appellant isostni li ġiet assunta mis-soċjetà appellata fil-konfront tagħhom;

Din il-Qorti wara li qieset kollox hija soddisfatta li għalkemm *prima facie* wieħed jista' jieħu l-impressjoni li t-talba attriċi fiċ-ċitazzjoni hija bbażata fuq l-*award* imsemmi, però, jidher ċar li dak li qed jitolbu l-atturi *nomine* appellanti huwa bbażat fuq l-obbligazzjoni li s-soċjetà konvenuta appellata li ssuċċediet għal ta' qabilha assumiet fil-konfront tagħhom konsistenti din l-obbligazzjoni filli tonora l-istess kundizzjonijiet ta' impieg li bihom is-soċjetà preċedenti kienet marbuta permezz ta' l-*awards* imsemmija. Hemm iżjed minn hekk, però. L-atturi appellant

jissottomettu wkoll li wara t-twelid tas-soċjetà l-ġdida, dik konvenuta, ġara li preżumibbilment minħabba diffikultajiet finanzjarji, hija waqfet temporanjament milli tkompli tħallas l-*"incentive bonus"*. L-atturi jgħidu li huma qatt ma aċċettaw din ir-raġuni mentri l-konvenuti jsostnu li dan mhux korrett u li kien hemm intendiment jew qbil li jsir hekk sakemm jibqgħu d-diffikultajiet finanzjarji;

Issa kellu għall-grazzja ta' l-argument biss wieħed kellu jaċċetta li hawn qed nitkellmu esklużivament fuq l-*awards* u l-esekuzzjoni tiegħu, kif qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li fit-termini ta' l-artikolu 34(1) tal-Kap. 266 kull *award* ikun jorbot lill-partijiet u jkun jikkostitwixxi kondizzjoni mifhuma fil-kuntratt ta' l-impieg sakemm dan l-*award* ma jiġix mibdul b'*award* ieħor sussegwenti jew bi ftehim jew bi qbil vinkolanti sussegwenti. Issa min-naħa tas-soċjetà konvenuta appellata almenu diġà hemm fattur ġdid u ċjoè li f'ċertu żmien minħabba diffikultajiet finanzjarji wara trattattivi mar-rappreżentanti ta' l-atturi *nomine* ntlaħaq ftehim u twaqqaf il-ħlas ta' l-*incentive bonus* temporanjament u mhux hekk biss, anzi, meta s-sitwazzjoni finanzjarja ameljorat is-soċjetà appellata ppretendiet li kellha tagħmel offerta li ma ġietx aċċettata mill-atturi *nomine*. Dan kollu juri li ċertament hawn ma aħniex nitkellmu fuq esekuzzjoni ta' *award* iżda fuq x'kienu l-obbligazzjonijiet assunti mis-soċjetà appellata kemm qabel kif ukoll meta ssospendiet temporanjament il-ħlas u dan jidħol fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji. Mhux qed jingħad li l-atturi jew anki s-soċjetà konvenuta ma kellhomx dritt jiddikjaraw u jirreġistraw tilwima industrijali li kienet imbagħad tkun irriferita lit-Tribunal, iżda li ma kien hemm xejn xi jżomm lill-atturi *nomine* milli jadixxu lill-Qorti biex jieħdu dak li huma

jippretendu li l-konvenuti *nomine* kienu obbligaw ruħhom li jħallsuhom;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine* u tirrinvija l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a kariku tal-konvenuti *nomine* appellati.